MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' 11 ta' Dicembru, 2001

Talba Numru. 697/2001/1

**Frigotrans Two Ltd**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Ltd u permezz ta’ digriet moghti fl-24 ta’ Ottubru 2001 issejhet fil-kawza MA.RE.SI Shipping Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ elf tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm1,336.94), dovuti lilha ghal spejjez minnha nkorsi ghal xoghol ta’ tiswija fuq zewg trailers bin-numru ta’ registrazzjoni TR-337 u TR-420.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li m’hijiex il-legittimu kontradittur u f’kull

kaz is-socjeta konvenuta m’hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta attrici.

Ra l-verbal tal-24 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza l-kumpannija MA.RE.SI Shipping Ltd.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-kumpannija MA.RE.SI Shipping Ltd u li permezz taghha eccepiet li t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda peress illi ai termini ta’ l-artikolu 4(2)(c) tal-Hague Rules, sid il-vapur ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni kkawzati fl-oggetti trasportati meta l-hsarat jkunu rizultat tal-maltemp, *perils of the sea*.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici hija propjetarja ta’ zewg trailers bin-numru TR 337 u TR 420.

2. F’Marzu 2001 dawn it-trailers tghabbew fuq il-vapur Island Sea. Mill-provi rrizulta li dan il-vapur huwa l-propjeta tal-kumpannija MA.RE.SI Shipping Limited. Kopja tal-polza ta’ karigu tinsab ezebita a fol. 18 tal-process u fiha jinghad: ***“Remarks: Second hand vehicles vessel. Not responsible for damages &/or shortages”***. Fil-fehma tat-Tribunal il-kliem *“second hand vehicles* ***vessel****”* mhijiex dikjarazzjoni li t-trailers fuq imsemmija kienu jinsabu f’kundizzjoni hazina, izda kumment generali tat-tip ta’ merkanzija li titghabba fuq il-vapur in kwistjoni u ntiza sabiex teskludi responsabbilta ghall-hsara u nuqqas fil-merkanzija li titghabba fuq il-vapur. Gie kemm-il darba dikjarat fil-gurisprudenza lokali li klawzoli ta’ ezoneru ma jistghux iservu sabiex jezoneraw responsabbilta f’kaz ta’ ommissjoni ta’ dak il-grad normali ta’ diligenza li tirrikjedi l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ kull obbligazzjoni (ara Qorti ta’ l-Appell – **E. Zammit vs E. Petrococchino** deciza fil-25 ta’ Frar 1952; u Qorti tal-Kummerc – **Borg vs Calascione** – deciza fil-25 ta’ Mejju

1961). Huwa stabbilit li klawzola li tillimita r-responsabbilta ma ghandhiex ikollha l-forza li tezonera lid-debitur milli jhallas ghad-dannu li jkun ikkaguna minhabba l-agir tieghu (ara wkoll sentenza riportata fil-Volum XXVII.iii.874). It-Tribunal josserva wkoll li s-socjeta kjamata fil-kawza fl-ebda stadju tal-proceduri ma ssollevat eccezzjoni fis-sens li l-polza ta' karigu ghandha klawzola ta' ezoneru.

3. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li fl-istess polza nsibu stampat il-kliem ***"shipped on board in apparent good order and condition…"***. L-insenjament tal-Qrati huwa li :*"l-hrug ta' clean bill of lading jistabilixxi prima facie l-prova li l-merkanzija msemmija fil-polza giet karigata f'kundizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kundizzjoni tajba"* (Qorti ta' l-Appell – **Wilfred Mamo et noe vs Paul Mifsud et noe** deciza fil-5 ta' Gunju 1987).

4. Waqt il-vjagg lejn Malta, il-vapur Island Sea ltaqa' mal-maltemp. Il-kondizzjoni tat-temp waqt il-vjagg jirrizulta mill-estratt tal-gurnal t'abbord (fol. 17). Fih insibu mnizzel hekk fir-rigward tad-data tal-14 ta' Marzu 2001: *"VSL rolling and pitching moderate due WHN swell and wind"*.

5. Mill-provi rrizulta wkoll li l-hsara fuq it-trailers in kwistjoni saret fil-kors tal-vjagg. Min-naha l-ohra ma rrizultax li saret xi hsara fuq merkanzija ohra li kienet abbord l-istess vapur Island Sea.

6. Jirrizulta li l-kumpannija konvenuta S. Mifsud & Sons Limited hija biss agent tal-kumpannija MA.RE.SI Shipping Limited. Ghalhekk qatt ma tista' tinzamm personalment responsabbli ghall-hsara li saret fil-propjeta tas-socjeta attrici.

7. Fir-rigward tal-kumpannija msejha fil-kawza, din ibbazat id-difiza taghha fuq il-fatt li l-hsara giet ikkagunata minhabba l-maltemp (fol. 24); *"fil-qosor din id-difiza ikollha success meta jigi pruvat li l-hsara lit-taghbija grat minhabba l-azzjoni vjolenti tar-rih u tal-mewg, basta li din*

*il-hsara ma tkunx l-konsegwenza ta’ xi negligenza ta’ xi hadd”* (Qorti tal-Kummerc – **John Abela nomine vs L-avukat Dottor Philip Sciberras nomine** deciza fis-6 ta’ Marzu 1991).

8. Kif osservat il-Prim’Awla tal-Qorti Civli fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Bartolo vs Sullivan Shipping Agencies Limited nomine** (Citaz. Nru: 1429/96AJM) u deciza fl-4 ta’ Dicembru 2000, *“bil-mezzi kollha teknologici disponibbli xorta wahda jistghu jirrikorru cirkostanzi fl-atmosfera li jwasslu ghal maltemp li ma jkunx previst”*. Hekk ukoll il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **John Abela noe vs l-Avukat Dr. Philip Sciberras noe** (6 ta’ Marzu 1991) qalet: *“Hu fatt maghruf li tbassir tat-temp ma huwa qatt esercizzju ta’ infallibilita u li fuq il-bahar it-temp jista’ kultant jiddetorja f’daqqa u minghajr preavviz”*.

9. Fis-survey report li gie prezentat mis-socjeta attrici jinghad li: *“During the voyage from Italy to Malta the m/v Island Seaway encountered heavy weather and at one time one of the lashing chains which secured Trailer No. TR 420* ***became unstuck and as a result of this the trailer moved forward****”*. L-istess rapport fih deskrizzjoni dettaljata ta’ kif grat il-hsara fuq iz-zewg trailers. Rilevanti wkoll huwa dak li jinghad fir-rigward tal-lashing li sar fuq Trailer TR420: *“Partly loose chain lashing was found at the front and rear section of Trailer No. TR420. According to the Chief Officer the trailer had originally been secured by 8 lashing chains, 6 chains at the forward section and 2 chains at the aft section. At the time of our survey, the chains situated at the front of the trailer were found loose whilst at the aft section only the chain situated at the left side was still secured”*.

10. Irrizulta li r-rih kien qieghed jonfoh b’forza ta’ bejn sitta u sebgha (ara fol. 17). Inoltre, kien hemm *“rolling and pitching* ***moderate****”*. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta msejha fil-kawza hija responsabbli ghall-hsara li saret fuq iz-zewg trailers propjeta tas-socjeta attrici. It-Tribunal m’huwiex sodisfatt li t-taghbija kienet marbuta tajjeb ma’ l-art tal-bastiment u li l-hsara saret minhabba l-maltemp li l-

bastiment iltaqa' mieghu. Rilevanti huwa dak li jinghad fis-survey report: *"The lashing chains at the aft section of the trailer were placed in way of the trailer's rear ramp which is not considered to be a lashing point of the trailer. In fact during the voyage [*one*] of the aft lashing chains slipped off the rear ramp and as a result of this the trailer moved forward and suffered damages"*. Kif tajjeb intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Carmel Chircop nomine vs Avukat Dr. Kevin F. Dingli nomine**, deciza fid-9 ta' Jannar 2001: *"normalment, vapur jiltaqa' ma' dawn is-sitwazzjonijiet ta' maltemp u bahar qawwi fit-tragiti tieghu u bl-ebda mod, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, ma jista' jinghad illi kull maltemp jew bahar qawwi ghandu jiskolpa lill-carrier jew lill-vapur minn kull responsabbilta u htija"*. F'dak il-kaz il-forza tar-rih kien disgha (9) u l-vapur iltaqa' ma' *"heavy rolling and pitching"* u l-Qorti laqghet it-talba ghall-hlas ta' danni.

11. Dwar l-ammont ta' danni reklamati ma saret ebda kontestazzjoni. It-Tribunal huwa sodisfatt ukoll li mill-provi jirrizulta li l-hsara riskontrata fuq it-trailers giet ikkagunata waqt il-vjagg bejn Katanja u Malta.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta MA.RE.SI Shipping Ltd sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm1,336.94) danni sofferti mis-socjeta attrici u jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-kumpannija S.Mifsud & Sons Ltd.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta MA.RE.SI Shipping Ltd, b'dan li s-socjeta attrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) tas-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**